# IL-KAPPILLAN DUN SALV ZARB (1696-1783)

Dun Salvatore Zarb twieled il-Għargħur fit-13 ta' Jannar 1696. Missieru kien Klement Zarb u ommu Grazzja mwielda Sant.

Sa minn ċkunitu wera l-ħajra li jsir saċerdot bħal ħuh Duminku u wara li temm l-istudju tiegħu ġie ordnat Saċerdot fl-1719. Hu beda jservi fil-parroċċa ma' ħuh u s-saċerdoti sħabu għal xi żmien sa ma l-isqof ta' dak iż-żmien Mons. G. Mancini ħatru bħala Kappillan tal-Għargħur meta kellu biss 31 sena fl-1726 u baqa' f'dik il-kariga sa ma' miet.

Dun Salv kien ir-raba' Kappillan tar-raħal minn meta sar parroċċa fejn baqa' bħala ragħaj spiritwali għal madwar sebgħa u ħamsin sena. Dan il-Kappillan ġab il-privileġġ ta' l-użu tar-rukkett u l-muzzetta ħamra fuq is-suttana bħal ma kienu jużaw Kappillani oħra f'diversi parroċċi u b'hekk dan il- privileġġ baqa' wżat minn Kappillani oħra li ġew warajh.

Dun Salv ħadem ħafna fi żmienu biex iżejjen il-knisja ta' raħal twelidu. Kien hu li ħabrek kemm felaħ biex din il- knisja tiġi konsagrata sollenement u l-ewwel ma għamel kien l-artal maġġur ta' l-irħam biex ikun jista' jiġi konsagrat flimkien mal-knisja fuq it-tnax-il salib li hemm mal-pilastri prinċipali madwar il-knisja. Il-konsagrazzjoni saret mill-isqof fra Alferan De Bussam fis-sena 1736 u dan l- avveniment storiku huwa mfakkar f'dik l-iskrizzjoni li hemm mal-pilastru maġġur ta' taħt il-koppla quddiem il-pulptu fejn hemm l-ismijiet ta' l-Isqof li għamel il-konsagrazzjoni u dak tal-kappillan Zarb.

Fost opri oħra li wettaq fi żmienu dan il-kappillan insibu li saret il-Via Sagra. Pittura fuq it-tila bi gwarniċ indurat li tneħħiet meta saru il-kwadretti skolpiti fl-injam li naraw illum. Illum, dawn il-kwadri pittura jinsabu fil- kappella ta' San Ġwann Battista.

Żmien Dun Salv inxtrat l-istatwa ta' San Bert minn Ruma maħduma minn Melchiore Gafa' li waslet fir-raħal fl-1772. Kien dan il-kappillan li ħadem biex saret il-qanpiena l-kbira, xogħol ta' l-aħwa Triganza tal-Belt fundaturi ta' żmien l-Ordni li din saret fl-1778. Fl-aħħar żmien ta' dan il- Kappillan sar l-arloġġ tal-faċċata tal-knisja li ħallas għalih il-kjeriku Ġann Dumink Portelli.

Dun Salv miet ta' 88 sena fl-1783 wara ħidma bla waqfien ta' xogħol kemm spirtwali u kemm materjalli fil-parroċċa tagħna. Sarlu funeral solenni u wara ġie midfun f'qabar fl-istess knisja li tant ħabb u ħadem bla waqfien għall-glorja t'Alla, ta' San Bert u ta' l-erwieħ fdati f'idejh. Il-qabar tiegħu ġie mgħotti b'lapida ta' l-irħam abjad sgrafjata b'simboli u skrizzjoni li tfakkar lilu u lil ħuh Dun Dumink. Illum din il-lapida tinsab konservata fis-sagristija flimkien ma' oħrajn li kienu fil-knisja u ġew trasportati fejn jinsabu meta sar il-paviment ta' l-irħam ta' l-istess knisja.

Dun Salv Zarb kien l-uniku Kappillan mir-raħal u l-aktar wieħed li dam imexxi din il-parroċċa fost l-oħrajn kollha li kien hawn fir-raħal tal-Għargħur.

LINO WETTINGER